**PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN**

**AVVIŻI** **8 TA' JANNAR 2017**

**Ġabra speċjali**

Illum se ssir il-ġabra speċjali għall-Parroċċa tagħna b'risq il-proġett tal-kalamita tas-sajjetti fuq il-Kampnar tal-Knisja. Nirringrazzjawkom mill-qalb tal-ġenerożità tagħkom .

**Magħmudija Komunitarja**

Għada/Illum il -Ħadd issir il-Magħmudija bil-Quddiesa li tibda fl-10.15.am.

**Il-Magħmudija tal-Mulej**

It-Tnejn 9 ta' Jannar 2017 hija l -festa tal-Magħmudija ta' Ġesù, li fiha niftakru wkoll fil -jum tal-Magħmudija tagħna. Aħna lkoll ġejna mgħammdin, ejjew inroddu ħajr lil Alla għal dar-rigal billi nistidnukom għall -quddiesa tas-6.00pm li fiha ser inġeddu l-wegħdiet tal-Magħmudija tagħna.

**100 Sena mid-Dehriet tal-Madonna ġewwa Fatima**

Billi matul din is-sena qed infakkru l-100 Sena mid-dehriet tal-Madonna ġewwa Fatima, il-Ġimgħa 13 ta' Jannar 2017 wara l-quddiesa tas-7.00am nitolbu flimkien it-talba tar-Rużarju quddiem Ġesù Ewkaristija.

**Kors ta' Kana**

Il-Ġimgħa 13 ta' Jannar 2017 fis-Sala Sant'Anna fis-7.30pm jibda l-Kors ta' Kana għall -għarajjes.

**Kunsill Lokali**

Is-Sibt 14 ta' Jannar 2017 fid-9.00am il-Kunsill Lokali qiegħed jorganizza attività għall -persuni ta' età avvanzat fis-Sala Sant'Anna. Dawk interessati għandhom jiġbru l-biljetti mill-Kunsill Lokali.

**Adorazzjoni għall -Qdusija tas-Saċerdoti**

Is-Sibt 14 ta' Jannar 2017 fil-Knisja Parrokkjali ta' Kristu Re, Raħal Ġdid fid-9:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall -qdusija tas-saċerdoti.

**Ejjew Għandi**

Il-Ġimgħa 20 ta' Jannar 2017 fil-Parroċċa tagħna fis-7.30pm ser issir il-laqgħa 'Ejjew Għandi' mmexxija minn Fr Hayden flimkien mal-Appostli u d-Dixxipli Franġiskani. Il-laqgħa tikkonsisti fix-xandir tal-Kelma ta' Alla u Adorazzjoni Ewkaristika. Fl-aħħar isir talb għall -fejqan fuq min ikun jixtieq. Kulħadd huwa mistieden li jattendi.

**Siġra tal -Imħabba**

Aħna s-Saċerdoti flimkien mal-Kummissjoni Djakonija nirringrazzjaw lill-persuni kollha li għenu lill -familji fil-bżonn tal-Parroċċa tagħna permezz tar-rigali u l-għotjiet tagħkom. Grazzi ħafna.